MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 1/2005/2

**Stephen Kolutrovic ID 2007276P**

**vs**

**Maria Dolores armla minn William Micallef, Peter Micallef u Dottor Paul Micallef f'ismu proprju u bhala mandatarju tal-assenti Elenora sive Noreen Leone Ganado**

Ic-"Chairman" tal-Bord,

Rat ic-citazzjoni in esami li biha l-attur wara li ppremetta illi l-istess attur ghadu kif gie notifikat b'mandat ta' zgumbrament fl-ismijiet inversi numru 1034/05 (Dok A) skond liema mandat intalab jizgombra mill-fond Flat 1, Dr Rohan Flats, 19, Philip Sciberras Square, Floriana.

Illi mill-imsemmi mandat jidher illi fl-14 ta' Mejju 2005 giet deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera (Mag J. Cassar)

sentenza fl-ismijiet inversi (Rikors Numru 16/2005) (Dok B) fejn l-attur gie ordnat li jizgombra mill-fond Flat1, Dr Rohan Flats, 19, Philip Sciberras Square, Floriana.

Illi huwa qatt ma gie notifikat bir-rikors promotur li ta’ lok ghas-sentenza a bazi ta’ liema qed jintalab l-izgumbrament in kwistjoni.

Illi ghalhekk, kontestwalment, huwa ppresenta citazzjoni fejn qed jitlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet inversi li tat lok ghall-mandat ta’ zgumbrament in kwisjtoni u dan ai termini ta’ l-artikolu 811(b) tal-kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi skond id-disposizzjoni tal-Kap. 12 relattivi ghal din it-tip ta’ azzjoni, ritrattazzjoni ma ggibx maghha s-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni ta’ sentenza li taghha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni.

Illi pero l-artikolu 823(2) tal-Kap, 12 jaghti poter lil din il-Qorti sabiex tordna s-sospensjoni ta’ tali esekuzzjoni.

Illi jezistu cirkostanzi biex jimmeritaw tali sospensjoni. Il-fond li minnu qed jintalab li jigu zgumbrat l-attur hija l-unika fond residenza ta’ l-attur u kwindi jekk jigi zgumbrat l-attur m’ghandux fejn jirrisjedi. Min-naha l-ohra l-konvenuti mhux qed jitlobu r-riprez tal-fond in kwistjoni sabiex jghixu fih u ghalhekk huwa evidenti illi jekk l-attur jigi zgumbrat ser isofri aktar pregudizzju milli jsofru l-konvenuti jekk l-esekuzzjoni tas-sentenza tigi sospiza u dan kif kontemplat fl-artikolu 823(1) tal-Kap. 12.

Illi kontestwalment huwa qieghed jiddeposita kopja tac-cavetta ta’ l-imsemmi fond taht l-Awtorita’ tal-Qorti bhala garanzija kif mitlub mill-artikolu 823 (2) (a) tal-Kap. 12 u lest li jaghti kwalunkwe garanzija ohra li jidhrilha xieraq din il-Qorti.

Il-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti:

i) tordna s-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet inversi moghtija fl-14 ta’ Mejju 2005 mill-Bord li Jirregola l-Kera (Mag. J Cassar) (Rikors numru 16/2005)

sakemm tigi deciza r-ritrattazjoni li giet ippresentata kontestwalment mal-presenti.

Bl-ispejjez u l-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti guramentata mill-istess attur (fol 2 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi l-attur ghadu kif gie notifikat b'mandat ta' zgumbrament fl-ismijiet inversi numru 1034/05 (Dok A) skond liema mandat intalab jizgombra mill-fond Flat 1, Dr Rohan Flats, 19, Philip Sciberras Square, Floriana.
2. Illi mill-imsemmi mandat jidher illi fl-14 ta' Mejju 2005 giet deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera (Mag. J. Cassar) sentenza fl-ismijiet inversi (Rikors numru 16/2005) (Dok B) fejn l-attur gie ordnat jizgombra mill-fond Flat 1, Dr Rohan Flats, 19, Philip Sciberras Square, Floriana.
3. Illi huwa qatt ma gie notifikat bir-rikors promotur li ta lok ghas-sentenza a bazi ta' liema qed jintalab l-izgumbrament in kwistjoni.
4. Illi ghalhekk, kontestwalment, huwa ppresenta citazzjoni fejn qed jitlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet inversi li tat lok ghall-mandat ta' zgumbrament in kwistjoni u dan ai termini ta' l-artikolu 811(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. Illi skond id-disposizzjoni tal-Kap. 12 relattivi ghal din it-tip ta' azzjoni, ritrattazzjoni ma ggibx maghha s-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni ta' sentenza li taghha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni.
6. Illi pero l-artikolu 823(2) tal-Kap. 12 jaghti poter lil din il-Qorti sabiex tordna s-sospensjoni ta' tali esekuzzjoni.
7. Illi jezistu cirkostanzi biex jimmeritaw tali sospensjoni. Il-fond li minnu qed jintalab li jigu zgumbrat l-attur hija l-unika fond residenza ta' l-attur u kwindi jekk jigi zgumbrat l-attur m'ghandux fejn jirrisjedi. Min-naha l-ohra l-konvenuti mhux qed jitolbu r-ripreza tal-fond in kwistjoni sabiex jghixu fih u ghalhekk huwa evidenti illi jekk l-attur jigi zgumbrat ser isofri aktar pregudizzju milli jsofru l-konvenuti jekk l-esekuzzjoni tas-sentenza tigi sospiza u dan kif kontemplat fl-artikolu 823(1) tal-Kap. 12.

8. Illi kontestwalment huwa qieghed jiddeposita kopja tac-cavetta ta’ l-imsemmi fond taht l-Awtorita tal-Qorti bhala garanzija kif mitlub mill-artikolu 823(2)(a) tal-Kap. 12 u lest li jaghti kwalunkwe garanzija ohra li jidhrilha xieraq din il-Qorti.

Rat kif ukoll il-lista tax-xhieda hemm annessa a fol 3 ibid.

Rat id-dokumenti annessi a fol 5 sa fol 10 tal-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Filwaqt li issir referenza ghas-sentenza moghtija illum stess fl-istess ismijiet (citaz numru 2/05).

Ghall-istess motivi premessi fis-sentenza li ghadha kemm giet citata. Tichad it-talba kif dedotta bl-ispejjes kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------